DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-28 ta' Novembru 2008

li tapprova programmi annwali u pluriannwali u l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għall-eradikazzjoni, il-kontroll u l-monitoraġġ ta' ċertu mard tal-annimali u żoonosi ppreżentati mill-Istati Membri għall-2009 u s-snin ta' wara

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 7415)

(2008/897/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 24(5) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni 90/424/KEE tistabbilixxi l-proċeduri li jirregolaw il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għal programmi għall-eradikazzjoni, il-kontroll u l-monitoraġġ ta' mard tal-annimali u żoonosi.

(2) Barra minn hekk, l-Artikolu 24(1) tad-Deċiżjoni 90/424/KEE jistipula li għandha tkun introdotta miżura finanzjarja Komunitarja biex tirrimborża n-nefqa li ssir mill-Istati Membri għall-finanzjament tal-programmi nazzjonali għall-eradikazzjoni, il-kontroll u l-monitoraġġ tal-mard tal-annimali u żoonosi elenkati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/965/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 li temenda d-Deċiżjoni 90/424/KEE dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju [2] ssostitwiet l-Artikolu 24 ta' din id-Deċiżjoni b'dispożizzjoni ġdida. Permezz ta' miżuri transizzjonali, id-Deċiżjoni 2006/965/KE stipulat li l-programmi għal-lewkożi bovina enżootika u għall-marda ta' Aujeszky jistgħu jkomplu jiġu ffinanzjati sal-31 ta' Diċembru 2010.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/341/KE tal-25 ta' April 2008 li tistabbilixxi l-kriterji Komunitarji għal programmi nazzjonali għall-qerda, il-kontroll u l-monitoraġġ ta' ċertu mard tal-annimali u żoonożi [3] tipprevedi li sabiex ikunu approvati taħt il-miżuri previsti fl-Artikolu 24(1) tad-Deċiżjoni 90/424/KEE, il-programmi ppreżentati mill-Istati Membri għandhom jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Anness għad-Deċiżjoni 2008/341/KE.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabblixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċerta enċefalopatija sponġiformi li tinxtered [4], jipprovdi għal programmi ta' monitoraġġ annwali mill-Istati Membri għall-enċefalopatiji sponġiformi trassmissibbli (TSEs) fl-annimali bovini, ovini u kaprini.

(6) Id-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE tal-20 ta' Diċembru 2005 dwar miżuri Komunitarji għall-kontroll tal-influwenza tat-tjur [5] tipprovdi wkoll għal programmi ta' sorveljanza mill-Istati Membri li għandhom jitwettqu rigward ta' tjur u għasafar selvaġġi sabiex jikkontribwixxu, *inter alia*, abbażi ta' evalwazzjonijiet tar-riskju aġġornati regolament, għall-għarfien dwar it-theddid impost għall-għasafar selvaġġi fir-rigward ta' kwalunkwe vajrus tal-influwenza ta' oriġini avjarja fl-għasafar. Dawn il-programmi annwali, u l-finanzjament tagħhom, għall-monitoraġġ jeħtieġu jiġu approvati wkoll.

(7) Ċerti Stati Membri ppreżentaw lill-Kummissjoni programmi annwali għall-eradikazzjoni, il-kontroll u l-monitoraġġ tal-mard tal-annimali, programmi għal kontrolli mmirati għall-prevenzjoni ta' żoonosijiet, u programmi ta' monitoraġġ annwali għall-eradikazzjoni u l-monitoraġġ ta' ċerti TSEs li għalihom huma jixtiequ jirċievu kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità.

(8) Fl-2008, ċerti programmi pluriannwali ppreżentati mill-Istati Membri għall-eradikazzjoni, il-kontroll u l-monitoraġġ tal-mard tal-annimali kienu approvati taħt id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/782/KE [6]. L-impenn tan-nefqa għal dawn il-programmi pluriannwali kien adottat skond l-Artikolu 76(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [7]. L-ewwel impenn tal-baġit għal dawn il-programmi sar wara l-approvazzjoni tagħhom. Kull impenn annwali sussegwenti għandu jsir mill-Kummissjoni fil-funzjoni tat-twettiq tal-programm għas-sena preċedenti, abbażi ta' deċiżjoni li tingħata kontribuzzjoni li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 24(5) tad-Deċiżjoni 90/424/KEE.

[1] ĠU L 224, 18.8.1990, p. 19.
[2] ĠU L 397, 30.12.2006, p. 22.
[3] ĠU L 115, 29.4.2008, p. 44.
[4] ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1.
[5] ĠU L 10, 14.1.2006, p. 16.
[6] ĠU L 314, 1.12.2007, p. 29.
[7] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

(9) Il-Kummissjoni vvalutat il-programmi annwali ppreżentati mill-Istati Membri, kif ukoll it-(tieni) sena sussegwenti tal-programmi pluriannwali approvati fl-2008, kemm mill-perspettiva veterinarja kif ukoll minn dik finanzjarja. Dawn il-programmi nstabu li jikkonformaw mal-leġislazzjoni veterinarja Komunitarja rilevanti u b'mod partikolari mal-kriterji stabbiliti fid-Deċiżjoni 2008/341/KE.

(10) Fid-dawl tal-importanza tal-programmi annwali u pluriennali biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Komunità fil-qasam ta' saħħet l-annimali u l-pubbliku, kif ukoll tal-applikazzjoni obbligatorja fl-Istati Membri kollha fil-każ tal-programmi tat-TSE u tal-influwenza avjarja, huwa xieraq li tkun stabbilita r-rata addatta ta' kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għar-rimborż tal-ispejjeż li ser isiru mill-Istati Membri kkonċernati għall-miżuri li hemm referenza għalihom f'din id-Deċiżjoni sa ammont massimu għal kull programm.

(11) Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE tal-24 ta' Ottubru 2006 dwar il-ħtiġiet tas-saħħa tal-annimali għall-annimali tal-akkwakultura u l-prodotti tagħhom, u dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard f'annimali akkwatiċi [1] tipprevedi li l-Istati Membri magħrufin li huma infettati b'marda waħda jew aktar minn dawk elenkati fil-Parti II tal-Anness IV ta' din id-Direttiva għandhom ifasslu programmi ta' eradikazzjoni għal dan il-mard.

(12) L-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 tas-27 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd [2] jipprevedi li l-Istati Membri għandhom ifasslu programmi operattivi biex jimplimentaw il-politiki u l-prijoritajiet li għandhom ikunu ko-finanzjati mill-Fond Ewropew għas-Sajd. L-Artikolu 32 ta' dan ir-Regolament jipprevedi li l-Komunità tista' tikkontribwixxi għall-finanzjament tal-kontroll u l-eradikazzjoni tal-mard fl-akkwakultura taħt it-termini tad-Deċiżjoni 90/424/KEE. Skond id-Deċiżjoni 90/424/KEE, l-Istati Membri jistgħu jallokaw fondi f'dawn il-programmi operattivi għall-eradikazzjoni tal-mard fl-annimali tal-akkwakultura li hemm referenza għalih fl-Anness għad-Deċiżjoni 90/424/KEE.

(13) Ċerti Stati Membri fasslu programmi pluriannwali għall-eradikazzjoni ta' ċertu mard fl-annimali akkwatiċi, elenkat kemm fil-Parti II tal-Anness IV għad-Direttiva 2006/88/KE kif ukoll fl-Anness għad-Deċiżjoni 90/424/KEE. Dawn il-programmi kienu vvalutati teknikament mill-Kummissjoni u għalhekk għandhom jiġu approvati.

(14) Sabiex ikun hemm tmexxija aħjar, użu aktar effiċjenti tal-fondi Komunitarji u trasparenza mtejba, hu wkoll meħtieġ li għal kull programm tiġi stabbilita (ħlief għal programmi pluriannwali għall-eradikazzjoni ta' ċertu mard fl-annimali akkwatiċi li għalihom se tkun stabbilita kontribuzzjoni finanzjarja wara l-approvazzjoni teknika tagħhom), fejn adatt, spiża medja li għandha tiġi rimborżata lill-Istati Membri għal ċerti spejjeż, bħat-testijiet użati fl-Istati Membri u l-kumpens lis-sidien għat-telf tagħhom dovut għall-qtil jew għall-qtil sanitarju ta' annimali.

(15) Skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni [3], il-programmi għall-eradikazzjoni u l-kontroll tal-mard tal-annimali għandhom ikunu ffinanzjati taħt il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija. Għal finijiet ta' kontroll finanzjarju, għandhom japplikaw l-Artikoli 9, 36 u 37 ta' dan ir-Regolament.

(16) Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandha tingħata soġġett għall-kundizzjoni li l-azzjonijiet ippjanati jitwettqu b'mod effiċjenti u li l-awtoritajiet kompetenti jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa fil-limiti taż-żmien stabbiliti b'din id-Deċiżjoni.

(17) Għal raġunijiet ta' effiċjenza amministrattiva l-infiq kollu ppreżentat għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandu jkun espress f'euros. Skond ir-Regolament (KE) Nru 1290/2005, ir-rata tal-kambju għall-infiq f'munita barra l-euro għandha tkun l-aktar rata tal-kambju reċenti stabbilita mill-Bank Ċentrali Ewropew qabel l-ewwel jum tax-xahar li fih tkun ippreżentata l-applikazzjoni mill-Istat Membru kkonċernat.

(18) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma b'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina tal-Ikel u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

KAPITOLU I

PROGRAMMI ANNWALI

Artikolu 1

Bruċelloži bovina

1. Il-programmi għall-eradikazzjoni tal-bruċelloži bovina ppreżentati mill-Irlanda, Spanja, l-Italja, Malta, Ċipru, il-Portugall u r-Renju Unit huma b'dan il-mezz approvati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009.

[1] ĠU L 328, 24.11.2006, p. 14.
[2] ĠU L 223, 15.8.2006, p. 1.
[3] ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % tal-ispejjeż li ser isiru minn kull Stat Membru msemmija fil-paragrafu 1 għall-ispiża biex jitwettqu testijiet f'laboratorju, il-kumpens lis-sidien għall-valur tal-annimali tagħhom maqtula soġġett għal dawn il-programmi u x-xiri ta' dożijiet ta' vaċċini, u ma għandhiex taqbeż:

(a) EUR 1 100 000 għall-Irlanda;

(b) EUR 3 000 000 għal Spanja;

(c) EUR 5 000 000 għall-Italja;

(d) EUR 77 000 għal Ċipru;

(e) EUR 20 000 għal Malta;

(f) EUR 1 400 000 għall-Portugall;

(g) EUR 2 000 000 għar-Renju Unit.

3. L-ispejjeż massimi li għandhom jiġu rimborżati lill-Istati Membri għall-programmi msemmija fil-paragrafu 1, bħala medja ma għandhomx jaqbżu:

(a) għal test għar-*rose bengal* EUR 0,2 għal kull test;

(b) għal test SAT EUR 0,2 għal kull test;

(c) għal test ta' fissazzjoni kumplementari EUR 0,4 għal kull test;

(d) għal test ELISA EUR 1 għal kull test;

(e) għal annimali maqtula EUR 375 għal kull annimal.

Artikolu 2

Tuberkolożi bovina

1. Il-programmi għall-eradikazzjoni tat-tuberkolożi bovina ppreżentati mill-Irlanda, Spanja, l-Italja, il-Polonja u l-Portugall huma b'dan il-mezz approvati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % tal-ispejjeż li ser isiru minn kull Stat Membru msemmija fil-paragrafu 1 għall-ispejjeż tat-twettiq ta' testijiet għat-*tuberculin* u l-*gamma-interferon* u l-kumpens lis-sidien għall-valur tal-annimali tagħhom maqtula soġġett għal dawn il-programmi, u ma għandhiex taqbeż:

(a) EUR 2 000 000 għall-Irlanda;

(b) EUR 5 000 000 għal Spanja;

(c) EUR 2 700 000 għall-Italja;

(d) EUR 1 100 000 għall-Polonja;

(e) EUR 1 000 000 għall-Portugall.

3. L-ispejjeż massimi li għandhom jiġu rimborżati lill-Istati Membri għall-programmi msemmija fil-paragrafu 1 bħala medja ma għandhomx jaqbżu:

(a) għal test għat-*tuberculin* EUR 1 għal kull test;

(b) għal test *gamma-interferon* EUR 5 għal kull test;

(c) għal annimali maqtula EUR 375 għal kull annimal.

Artikolu 3

Bruċelloži ovina u kaprina

1. Il-programmi għall-eradikazzjoni tal-bruċelloži ovina u kaprina ppreżentati mill-Greċja, Spanja, l-Italja, Ċipru u l-Portugall huma b'dan il-mezz approvati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % tal-ispejjeż li ser isiru minn kull Stat Membru msemmija fil-paragrafu 1 għax-xiri ta' vaċċini, l-ispiża biex jitwettqu testijiet f'laboratorju u l-kumpens lis-sidien għall-valur tal-annimali tagħhom maqtula soġġett għal dawn il-programmi, u ma għandhiex taqbeż:

(a) EUR 250 000 għall-Greċja;

(b) EUR 4 500 000 għal Spanja;

(c) EUR 4 000 000 għall-Italja;

(d) EUR 75 000 għal Ċipru;

(e) EUR 1 100 000 għall-Portugall.

3. L-ispejjeż massimi li għandhom jiġu rimborżati lill-Istati Membri għall-programmi msemmija fil-paragrafu 1 bħala medja ma għandhomx jaqbżu:

(a) għal test għar-*rose bengal* EUR 0,2 għal kull test;

(b) għal test ta' fissazzjoni kumplemetari EUR 0,4 għal kull test;

(c) għal annimali maqtula EUR 50 għal kull annimal.

Artikolu 4

Il-*bluetongue* f'żoni endemiċi jew ta' riskju għoli

1. Il-programmi għall-eradikazzjoni u l-monitoraġġ tal-*bluetongue* ippreżentati mill-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, l-Olanda, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, il-Finlandja u l-Isvezja huma b'dan il-mezz approvati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % tal-ispejjeż li ser isiru minn kull Stat Membru msemmija fil-paragrafu 1 għall-ispiża biex jitwettqu testijiet f'laboratorju għal sorveljanza viroloġika, seroloġika u entomoloġika u x-xiri ta' nases u vaċċini, u ma għandhiex taqbeż:

(a) EUR 1 200 000 għall-Belġju;

(b) EUR 5 000 għall-Bulgarija;

(c) EUR 790 000 għar-Repubblika Ċeka;

(d) EUR 840 000 għad-Danimarka;

(e) EUR 4 100 000 għall-Ġermanja;

(f) EUR 10 000 għall-Estonja;

(g) EUR 1 000 000 għall-Irlanda;

(h) EUR 50 000 għall-Greċja;

(i) EUR 16 100 000 għal Spanja;

(j) EUR 19 100 000 għal Franza;

(k) EUR 9 000 000 għall-Italja;

(l) EUR 70 000 għal-Latvja;

(m) EUR 50 000 għal-Litwanja;

(n) EUR 220 000 għal-Lussemburgu;

(o) EUR 500 000 għall-Ungerija;

(p) EUR 5 000 għal Malta;

(q) EUR 2 100 000 għall-Olanda;

(r) EUR 1 500 000 għall-Awstrija;

(s) EUR 500 000 għall-Polonja;

(t) EUR 3 200 000 għall-Portugall;

(u) EUR 250 000 għar-Rumanija;

(v) EUR 250 000 għas-Slovenja;

(w) EUR 50 000 għall-Finlandja;

(x) EUR 370 000 għall-Isvezja.

3. L-ispejjeż massimi li għandhom jiġu rimborżati lill-Istati Membri għall-programmi msemmija fil-paragrafu 1 bħala medja ma għandhomx jaqbżu:

(a) għal test ELISA EUR 2,5 għal kull test;

(b) għal test PCR EUR 10 għal kull test;

(c) Għal xiri ta' vaċċini EUR 0,3 kull doża.

Artikolu 5

Salmonelloża (zoonotic salmonella) f'qatgħat għat-tkabbir, għall-bajd u brojler tal-*Gallus gallus*

1. Il-programmi għall-kontroll ta' ċerta salmonella żoonotika f'qatgħat għat-tkabbir, għall-bajd u brojler tal-*Gallus gallus* ippreżentati mill-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, l-Olanda, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakja, is-Slovenja u r-Renju Unit huma b'dan il-mezz approvati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % tal-ispejjeż li ser isiru minn kull Stat Membru msemmija fil-paragrafu 1 għall-ispiża tat-twettiq ta' testijiet batterjoloġiċi u tas-serjotipar fil-qafas tat-teħid ta' kampjuni uffiċjali, il-kumpens lis-sidien għall-valur tat-tjur maqtula u għall-bajd meqrud, ix-xiri ta' dożijiet ta' vaċċini u t-testijiet f'laboratorju biex tkun ivverifikata l-effikaċja tad-diżinfettazzjoni u ma għandhiex taqbeż:

(a) EUR 850 000 għall-Belġju;

(b) EUR 30 000 għall-Bulgarija;

(c) EUR 1 400 000 għar-Repubblika Ċeka;

(d) EUR 75 000 għad-Danimarka;

(e) EUR 25 000 għall-Estonja;

(f) EUR 600 000 għall-Ġermanja;

(g) EUR 40 000 għall-Irlanda;

(h) EUR 550 000 għall-Greċja;

(i) EUR 4 750 000 għal Spanja;

(j) EUR 3 250 000 għal Franza;

(k) EUR 1 100 000 għall-Italja;

(l) EUR 76 000 għal Ċipru;

(m) EUR 270 000 għal-Latvja;

(n) EUR 16 000 għal-Lussemburgu;

(o) EUR 1 450 000 għall-Ungerija;

(p) EUR 110 000 għal Malta;

(q) EUR 1 700 000 għall-Olanda;

(r) EUR 525 000 għall-Awstrija;

(s) EUR 1 550 000 għall-Polonja;

(t) EUR 500 000 għall-Portugall;

(u) EUR 450 000 għar-Rumanija;

(v) EUR 625 000 għas-Slovakja;

(w) EUR 25 000 għas-Slovenja;

(x) EUR 20 000 għar-Renju Unit.

3. L-ispejjeż massimi li għandhom jiġu rimborżati lill-Istati Membri għall-programmi msemmija fil-paragrafu 1 bħala medja ma għandhomx jaqbżu:

(a) għal test batterjoloġiku (kultivazzjoni)	EUR 5,0 għal kull test;
(b) għax-xiri ta' doża waħda ta' vaċċin	EUR 0,05 għal kull doża;
(c) għas-serotipar ta' iżolati rilevanti ta' Salmonella spp.	EUR 20 għal kull test;
(d) għall-analiżi biex tkun ivverifikata l-effiċjenza tal-użu ta' diżinfettanti	EUR 5,0 għal kull test;
(e) għall-qtil sanitarju ta' tajra għat-trobbija tat-tip *Gallus gallus*,	EUR 3,5 għal kull tajra;
(f) għall-qtil sanitarju ta' tajra għall-bajd tat-tip *Gallus gallus*,	EUR 1,5 għal kull tajra.

Artikolu 6

Deni klassiku tal-majjali u deni Afrikan tal-majjali

1. Il-programmi għall-kontroll u l-monitoraġġ ta':

(a) Deni klassiku tal-majjali ppreżentati mill-Bulgarija, il-Ġermanja, Franza, il-Lussemburgu, l-Ungerija, ir-Rumanija, is-Slovenja u s-Slovakja huma b'dan il-mezz approvati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009.

(b) Deni Afrikan tal-majjali ppreżentat mill-Italja huwa b'dan il-mezz approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % tal-ispejjeż li ser isiru minn kull Stat Membru msemmija fil-paragrafu 1 għall-ispiża biex jitwettqu testijiet viroloġiċi u seroloġiċi ta' majjali domestiċi u ħnieżer selvaġġi u għal programmi ppreżentati mill-Bulgarija, il-Ġermanja, Franza, ir-Rumanija u s-Slovakja wkoll bir-rata ta' 50 % għall-ispejjeż li ser isiru għax-xiri u d-distribuzzjoni tal-vaċċini flimkien ma' lixka għall-vaċċinazzjoni tal-ħnieżer selvaġġi u, għar-Rumanija, għal-vaċċinazzjoni tal-majjali domestiċi wkoll, u ma għandhiex taqbeż:

(a) EUR 200 000 għall-Bulgarija;

(b) EUR 800 000 għall-Ġermanja;

(c) EUR 550 000 għal Franza;

(d) EUR 100 000 għall-Italja;

(e) EUR 350 000 għall-Ungerija;

(f) EUR 5 000 għal-Lussemburgu;

(g) EUR 2 500 000 għar-Rumanija;

(h) EUR 30 000 għas-Slovenja;

(i) EUR 550 000 għas-Slovakja.

3. L-ispejjeż massimi li għandhom jiġu rimborżati lill-Istati Membri għall-programmi msemmija fil-paragrafu 1 bħala medja ma għandhomx jaqbżu l-EUR 2,5 għal kull test.

Artikolu 7

Marda važikolari tal-majjali

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tal-marda važikolari tal-majjali ppreżentat mill-Italja hu b'dan il-mezz approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % tal-ispiża tat-testijiet f'laboratorju u ma għandhiex taqbeż l-EUR 500 000.

Artikolu 8

Influwenza avjarja fit-tjur u l-għasafar salvaġġi

1. Il-programmi ta' stħarriġ għall-influwenza avjarja fit-tjur u fl-għasafar selvaġġi ppreżentati mill-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, l-Olanda, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakja, il-Finlandja, l-Isvezja u r-Renju Unit huma b'dan il-mezz approvati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % tal-ispejjeż li ser isiru minn kull Stat Membru għall-ispejjeż biex jitwettqu testijiet f'laboratorju u somma f'ammont wieħed għat-tħid ta' kampjuni tal-għasafar selvaġġi, u ma għandhiex taqbeż:

(a) EUR 90 000 għall-Belġju;

(b) EUR 70 000 għall-Bulgaria;

(c) EUR 60 000 għar-Repubblika Ċeka;

(d) EUR 200 000 għad-Danimarka;

(e) EUR 500 000 għall-Ġermanja;

(f) EUR 7 000 għall-Estonja;

(g) EUR 60 000 għall-Irlanda;

(h) EUR 70 000 għall-Greċja;

(i) EUR 350 000 għal Spanja;

(j) EUR 200 000 għal Franza;

(k) EUR 550 000 għall-Italja;

(l) EUR 15 000 għal Ċipru;

(m) EUR 30 000 għal-Latvja;

(n) EUR 40 000 għal-Litwanja;

(o) EUR 10 000 għal-Lussemburgu;

(p) EUR 180 000 għall-Ungerija;

(q) EUR 7 000 għal Malta;

(r) EUR 500 000 għall-Olanda;

(s) EUR 50 000 għall-Awstrija;

(t) EUR 80 000 għall-Polonja;

(u) EUR 200 000 għall-Portugall;

(v) EUR 400 000 għar-Rumanija;

(w) EUR 55 000 għas-Slovenja;

(x) EUR 50 000 għas-Slovakja;

(y) EUR 35 000 għall-Finlandja;

(z) EUR 280 000 għall-Isvezja;

(za) EUR 380 000 għar-Renju Unit.

3. L-ispejjeż massimi li għandhom jiġu rimborżati lill-Istati Membri għat-testijiet koperti mill-programmi bħala medja ma għandhomx jaqbżu:

(a) test ELISA: EUR 1 għal kull test;

(b) test għal diffużjoni immuni ta' *agar gel* EUR 1,2 għal kull test;

(c) test HI għal H5/H7: EUR 12 għal kull test;

(d) test għall-iżolament ta' vajrus: EUR 30 għal kull test;

(e) test PCR: EUR 15 għal kull test;

(f) teħid ta' kampjuni ta' għasafar fis-selvaġġ: EUR 20 kull kampjun.

Artikolu 9

Enċefalopatiji spongiformi trasmissibbli (TSE), enċefalopatija spongiformi bovina (BSE) u scrapie

1. Il-programmi għall-monitoraġġ ta' enċefalopatiji spongiformi trasmissibbli (TSE), u għall-eradikazzjoni tal-enċefalopatija spongiforma bovina (BSE) u tal-iscrapie ppreżentati mill-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, l-Olanda, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakja, il-Finlandja, l-Isvezja u r-Renju Unit huma b'dan il-mezz approvati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 100 % tal-ispejjeż li ser isiru minn kull Stat Membru msemmija fil-paragrafu 1 għat-twettiq ta' testijiet rapidi u testijiet diskriminatorji molekulari primarji u bir-rata ta' 50 % tal-ispiża li ser issir minn kull Stat Membru għall-kumpens lis-sidien għall-valur tal-annimali tagħhom maqtula u meqruda skond il-programmi għall-eradikazzjoni tagħhom tal-iscrapie u bir-rata ta' 50 % tal-ispiża tal-analiżi ta' kampjuni għall-ġenotipar, u ma għandhiex taqbeż:

(a) EUR 1 850 000 għall-Belġju;

(b) EUR 750 000 għall-Bulgarija;

(c) EUR 920 000 għar-Repubblika Ċeka;

(d) EUR 1 850 000 għad-Danimarka;

(e) EUR 8 900 000 għall-Ġermanja;

(f) EUR 220 000 għall-Estonja;

(g) EUR 5 400 000 għall-Irlanda;

(h) EUR 2 000 000 għall-Greċja;

(i) EUR 7 400 000 għal Spanja;

(j) EUR 12 600 000 għal Franza;

(k) EUR 4 100 000 għall-Italja;

(l) EUR 1 800 000 għal Ċipru;

(m) EUR 230 000 għal-Latvja;

(n) EUR 530 000 għal-Litwanja;

(o) EUR 105 000 għal-Lussemburgu;

(p) EUR 990 000 għall-Ungerija;

(q) EUR 24 000 għal Malta;

(r) EUR 2 900 000 għall-Olanda;

(s) EUR 1 150 000 għall-Awstrija;

(t) EUR 3 340 000 għall-Polonja;

(u) EUR 1 300 000 għall-Portugall;

(v) EUR 1 300 000 għar-Rumanija;

(w) EUR 250 000 għas-Slovenja;

(x) EUR 860 000 għas-Slovakja;

(y) EUR 750 000 għall-Finlandja;

(z) EUR 900 000 għall-Isvezja;

(za) EUR 5 900 000 għar-Renju Unit.

3. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għall-programmi msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun għat-testijiet imwettqa u għall-annimali maqtula u l-ammont massimu bħala medja ma għandux jaqbeż:

(a) EUR 5 għal kull test, għal testijiet imwettqa fuq annimali bovini msemmija fl-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 999/2001;

(b) EUR 30 għal kull test, għal testijiet imwettqa fuq annimali ovini u kaprini msemmija fl-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 999/2001;

(c) EUR 50 għal kull test, għal testijiet imwettqa fuq annimali ċervidi msemmija fl-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 999/2001;

(d) EUR 175 għal kull test, għal testijiet diskriminatorji molekulari primarji mewttqa kif imsemmi fil-punt 3.2(c)(i) tal-Kapitolu C tal-Anness X għar-Regolament (KE) Nru 999/2001;

(e) EUR 10 għal kull test ta' ġenotipar;

(f) EUR 500 għal kull annimal bovin;

(g) EUR 70 għal kull nagħġa jew mogħża maqtula.

Artikolu 10

Idrofobija

1. Il-programmi għall-eradikazzjoni tal-idrofobija ppreżentati mill-Bulgarija, il-Litwanja, l-Ungerija, l-Awstrija, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakja huma b'dan il-mezz approvati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % tal-ispejjeż li ser isiru minn kull Stat Membru msemmija fil-paragrafu 1 għall-ispiża biex jitwettqu testijiet f'laboratorju u għax-xiri u d-distribuzzjoni tal-vaċċin flimkien ma' nases għall-programmi, u ma għandhiex taqbeż:

(a) EUR 790 000 għall-Bulgarija;

(b) EUR 1 100 000 għal-Litwanja;

(c) EUR 780 000 għall-Ungerija;

(d) EUR 270 000 għall-Awstrija;

(e) EUR 4 450 000 għall-Polonja;

(f) EUR 500 000 għar-Rumanija;

(g) EUR 470 000 għas-Slovakja.

3. L-ispejjeż massimi li għandhom jiġu rimborżati lill-Istati Membri għall-programmi msemmija fil-paragrafu 1 bħala medja ma għandhomx jaqbżu:

(a) għal test ELISA — EUR 8 għal kull test;

(b) għal test tal-kxif tat-tetraċiklina fl-għadam — EUR 8 għal kull test.

Artikolu 11

Lewkoża bovina enżootika

1. Il-programmi għall-eradikazzjoni tal-lewkoża bovina enżootika ppreżentati mill-Estonja, il-Litwanja, Malta u l-Polonja huma b'dan il-mezz approvati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2009.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % tal-ispejjeż li ser isiru minn kull Stat Membru msemmija fil-paragrafu 1 għall-ispiża biex jitwettqu testijiet f'laboratorju u kumpens lis-sidien għall-valur tal-annimali tagħhom maqtula soġġett għal dawn il-programmi, u ma għandhiex taqbeż:

(a) EUR 15 000 għall-Estonja;

(b) EUR 20 000 għal-Litwanja;

(c) EUR 500 000 għal Malta;

(d) EUR 800 000 għall-Polonja.

3. L-ispejjeż massimi li għandhom jiġu rimborżati lill-Istati Membri għall-programm imsemmi fil-paragrafu 1 bħala medja ma għandhomx jaqbżu:

(a) għal test ELISA — EUR 0,5 għal kull test;

(b) għal test għal diffużjoni immuni ta' *agar gel* — EUR 0,5 għal kull test;

(c) għal annimal maqtul — EUR 375 għal kull annimal.

Artikolu 12

Il-Marda ta' Aujeszky

1. Il-programmi għall-eradikazzjoni tal-marda ta' Aujeszky ppreżentati minn Spanja, l-Ungerija u l-Polonja huma b'dan il-mezz approvati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għall-programmi msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun bir-rata ta' 50 % tal-ispejjeż li ser isiru mill-Istat Membru kkonċernat għall-ispiża ta' testijiet f'laboratorju, u ma għandhiex taqbeż:

(a) EUR 800 000 għal Spanja;

(b) EUR 80 000 għall-Ungerija;

(c) EUR 2 500 000 għall-Polonja.

3. L-ispejjeż massimi li għandhom jiġu rimborżati lill-Istati Membri għall-programmi msemmija fil-paragrafu 1 bħala medja ma għandhomx jaqbżu EUR 1 għal kull test ELISA.

KAPITOLU II

PROGRAMMI PLURIANNWALI

Artikolu 13

Idrofobija

1. It-tieni sena tal-programmi pluriannwali għall-eradikazzjoni tal-idrofobija ppreżentati mir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Latvja, is-Slovenja u l-Finlandja hija b'dan il-mezz approvata għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % tal-ispejjeż li ser isiru mill-Istat Membru kif imsemmi fil-paragrafu 1 għall-ispiża ta' testijiet f'laboratorju u għax-xiri u d-distribuzzjoni ta' vaċċin u nases għall-programmi u ma għandhiex taqbeż:

(a) EUR 600 000 għar-Repubblika Ċeka;

(b) EUR 325 000 għall-Ġermanja;

(c) EUR 1 000 000 għall-Estonja;

(d) EUR 1 100 000 għal-Latvja;

(e) EUR 370 000 għas-Slovenja;

(f) EUR 100 000 għall-Finlandja.

3. L-ispejjeż massimi li għandhom jiġu rimborżati lill-Istat Membru kkonċernat għall-programmi msemmija fil-paragrafu 1 bħala medja ma għandhomx jaqbżu:

(a) għal test ELISA — EUR 8 għal kull test;

(b) għal test tal-kxif tat-tetraċiklina fl-għadam — EUR 8 għal kull test.

4. L-ammonti li għandhom ikunu impenjati għas-snin ta' wara għandhom ikunu deċiżi matul it-twettiq tal-programm fl-2009. Hawn taħt qiegħda tingħata indikazzjoni ta' dawn l-ammonti (f'euro):

Stat Membru	2010	2011	2012
Ir-Repubblika Ċeka			
Il-Ġermanja			
Il-Latvja	1 250 000		
Il-Finlandja	100 000		
L-Estonja	1 250 000	1 250 000	
Is-Slovenja	350 000	350 000	350 000

Artikolu 14

Il-Marda ta' Aujeszky

1. It-tieni sena tal-programm pluriannwali għall-eradikazzjoni tal-marda ta' Aujeszky ppreżentat mill-Belġju hija b'dan il-mezz approvata għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % tal-ispiża li se ssir mill-Belġju biex iwettaq testijiet f'laboratorju u ma għandhiex taqbeż l-EUR 175 000.

3. L-ispejjeż massimi li għandhom jiġu rimborżati lill-Belġju għall-programm imsemmi fil-paragrafu 1 bħala medja ma għandhomx jaqbżu EUR 1 għal kull test ELISA.

Artikolu 15

Lewċożi bovina enżootika

1. It-tieni sena tal-programmi pluriannwali għall-eradikazzjoni tal-lewċożi bovina enżootika ppreżentati mill-Italja, il-Latvja u l-Portugall hija b'dan il-mezz approvata għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % tal-ispejjeż li ser isiru minn kull Stat Membru msemmija fil-paragrafu 1 għall-ispiża tat-twettiq ta' testijiet f'laboratorju u kumpens lis-sidien għall-valur tal-annimali tagħhom maqtula soġġett għal dawn il-programmi u ma għandhiex taqbeż:

(a) EUR 800 000 għall-Italja;

(b) EUR 55 000 għal-Latvja;

(c) EUR 350 000 għall-Portugall.

3. L-ispejjeż massimi li għandhom jiġu rimborżati lill-Istati Membri għall-programmi msemmija fil-paragrafu 1 bħala medja ma għandhomx jaqbżu:

(a) għal test ELISA — EUR 0,5 għal kull test;

(b) għal test għal diffużjoni immuni ta' *agar gel* — EUR 0,5 għal kull test;

(c) għal annimali maqtula — EUR 375 għal kull annimal.

4. L-ammonti li ser ikunu impenjati għall-2010 għandhom ikunu deċiżi matul it-twettiq tal-programm fl-2009. Hawn taħt qiegħda tingħata indikazzjoni ta' dawn l-ammonti (f'euro):

(a) EUR 800 000 għall-Italja;

(b) EUR 55 000 għal-Latvja;

(c) EUR 350 000 għall-Portugall.

Artikolu 16

Mard f'annimali akkwatiċi

Il-programm pluriannwali għall-eradikazzjoni tas-septiċemija emorroġika virali (VHS) ippreżentat mid-Danimarka u l-programm għall-eradikazzjoni tal-marda tal-vajrus *koi herpes* (KHV) ippreżentat mill-Ġermanja huma b'dan il-mezz approvati għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċmebru 2013.

KAPITOLU III

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI

Artikolu 17

Il-kumpens lis-sidien għall-valur tal-annimali maqtula minħabba raġunijiet sanitarji jew maqtula u l-prodotti meqrudin għandu jingħata fi żmien 90 jum wara l-qtil jew qtil sanitarju tal-annimal jew il-qerda tal-prodotti jew wara l-preżentazzjoni tat-talba kompluta mis-sid.

L-Artikolu 9(1), (2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 883/2006 [1] għandu japplika għal pagamenti ta' kumpens magħmula barra d-90 jum.

[1] ĠU L 171, 23.6.2006, p. 1.

Artikolu 18

1. In-nefqa ppreżentata mill-Istati Membri għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandha tkun espressa f'euro u għandha teskludi t-taxxa fuq il-valur miżjud u taxxi oħra.

2. Fejn in-nefqa ta' Stat Membru hija f'valuta li ma tkunx l-euro, l-Istat Membru kkonċernat għandu jikkonvertiha f'euro billi japplika r-rata tal-kambju l-aktar reċenti stabbilita mill-Bank Ċentral Ewropew qabel l-ewwel jum tax-xahar li fih tiġi ppreżentata l-applikazzjoni mill-Istat Membru.

Artikolu 19

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għall-programmi msemmija fl-Artikoli 1 sa 16 għandha tingħata diment li l-Istati Membri kkonċernati:

(a) jimplimentaw il-programmi skond id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi Komunitarja, inkluż regoli tal-kompetizzjoni u l-aġġudikazzjoni ta' kuntratti pubbliċi;

(b) mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2009, idaħħlu fis-seħħ liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-programmi msemmija fl-Artikoli 1 sa 16;

(c) jgħaddu lill-Kummissjoni mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju 2009, ir-rapporti tekniċi u finanzjarji intermedji għall-programmi msemmija fl-Artikoli 1 sa 16, skond l-Artikolu 24(7) (a) tad-Deċiżjoni 90/424/KEE;

(d) għall-programmi msemmija fl-Artikolu 8, jirrapportaw lill-Kummissjoni r-riżultati pożittivi u negattivi tal-investigazzjonijiet mikxufa waqt is-sorveljanza tagħhom tat-tjur u tal-għasafar selvaġġi permezz tas-sistema *on-line* tal-Kummissjoni, kull tliet xhur, billi jgħaddu dawn ir-riżultati f'perijodu ta' erba' ġimgħat wara tmiem ix-xahar kopert mir-rapport;

(e) għall-programmi msemmija fl-Artikoli 1 sa 16, jgħaddu rapport finali lill-Kummissjoni skond l-Artikolu 24(7)(b) tad-Deċiżjoni 90/424/KEE, mhux aktar tard mit-30 ta' April 2010 dwar it-twettiq tekniku tal-programm akkumpanjati minn xhieda ġustifikattiva rigward l-ispejjeż imħallsa mill-Istat Membru u r-riżultati milħuqa waqt il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009;

(f) għall-programmi msemmija fl-Artikoli 1 sa 16, jimplimentaw il-programm b'mod effiċjenti;

(g) ma jippreżentawx, għall-programmi msemmija fl-Artikoli 1 sa 16, aktar talbiet għal kontribuzzjonijiet Komunitarji oħra għal dawk il-miżuri, u preċedentement ma ppreżentawx talbiet bħal dawn.

2. Fejn Stat Membru ma jikkonformax mal-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tnaqqas il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità wara li tkun qieset in-natura u l-gravità tal-ksur, u t-telf finanzjarju għall-Komunità.

Artikolu 20

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2009.

Artikolu 21

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 28 ta' Novembru 2008.

Għall-Kummissjoni
Androulla VASSILIOU
Membru tal-Kummissjoni